MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2014

Numru. 970/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Luke Bonello)**

**vs.**

**Carl Cuschieri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Carl Cuschieri**, ta' tmintax (18) il-sena, iben Carmel u Alexandra May xebba Sciberras, imwieled il-Pietà nhar il-21 ta' Mejju 1993 u residenti gewwa 64, Triq Mario De Vasi, Mellieha u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 251693(M), akkuzat talli nhar il-25 ta' Marzu 2012, bejn is-01:00am u s- 01:20am, gewwa l-Moscow Bar sitwat gewwa San Giljan:

1. minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Kurt Attard f'periklu car, ikkagunalu hsara fil-gisem jew fis-sahha liema hsara hija ta' natura gravi, hekk kif iccertifikat Dr. Jean Paul Camilleri, detentur ta' numru tar-registru mediku 5278;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebb kontra Kurt Attard, sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, flimkien jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, tipprovdi ghas-sigurta ta' Kurt Attard u/jew ta' persuni ohra, u/jew ghaz-zamma tal-ordni pubblika, u/jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuni lezi u/jew ta' individwi ohra minn fastidju w/jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, billi tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat *ai termini* tal-Artiklu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 62) datata 18 ta' Novembru 2013 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

(a) fl-Artikoli 214, 215 u 218 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) fl-Artikolu 339(d) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) fl-Artikoli 412C, 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tal-25 ta' Novembru 2013 (*a fol.* 65), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fit-18 ta' Novembru 2013 (*a fol.* 62), f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat illi, fis-seduta tal-25 ta' Novembru 2013 (*a fol.* 65), il-kawza giet differita ghas-seduta tat-3 ta' Marzu 2014 ghall-provi tad-difiza.

Rat illi, fis-seduta tat-3 ta' Marzu 2014 (*a fol.* 66), l-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri u li d-difiza ddikjarat li ma kellhiex provi xi tressaq f'dawn il-proceduri.

Semghet, fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2014 (*a fol.* 71 *et seq.*), is-sottomissjonijiet finali da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Frar 2013, xehdet **WPC 245 Christina Delia** (*a fol.* 19 *et seq.*) rigward l-okkorrenza mhejjija minnha, liema okkorrenza giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "CD 1" (*a fol.* 21 *et seq.*).[1]

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Frar 2013, xehed ukoll **Kurt Attard** (*a fol.* 24 *et seq.*) fejn beda billi qal illi l-imputat kien habib tieghu u spjega kif kien f'post ta' divertiment gewwa Paceville (minghajr ma jsemmi data) u mar sieheb l-imputat ikellimhom. Jghid li dan il-habib tal-imputat: *"beda jkellem lill-habiba tieghi u jiena ghidtilha, ghidtilha, "jiena lil Karl ma nkellmux". Daqshekk. U gie u tani daqqa ta' tazza"* (*a fol.* 25). Jghid li l-imputat mar minn magenbu u hu (Attard) kien bil-qieghda. Jghid li din id-daqqa qalaghha fuq ghajnejh il-leminija – il-marka ta' liema daqqa kienet ghadha vizibbli sa meta xehed. Jghid li wara li qalgha d-daqqa mar il-poliklinika, gie mibghut l-isptar u ghamlulu sitt punti fuq il-parti ta' fuq tal-ghajn u zewg punti taht ghajnejh. Ezebixxa certifikat mediku li gie mmarkat bhala Dok. "KA 1" (*a fol.* 29 *et seq.*) u kif ukoll tlitt ritratti li gew immarkati bhala Dok. "KA 2" sa "KA 4" (*a fol.* 31).

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2013, xehed **Dr. Jean Paul Camilleri (***a fol.* 33 *et seq.*) fejn spjega li fil-25 ta' Marzu 2012 ezamina lil Kurt Attard fid-Dipartiment tal-Emergenza u sabu jbaghti minn ferita ta' bejn wiehed u iehor tlitt centimetri fuq mohhu (il-fuq mir-*right eyebrow*). Jghid li saru xi punti fuq Attard. Jispjega wkoll li ccertifika l-feriti ta' Attard bhala ferita ta' natura gravi peress li jinvolvu l-wicc. Ikkonferma c-certifikat rilaxxat minnu u li jinsab *a fol.* 30. Mistoqsi jekk jibqghux xi marki tal-griehi li kellu Attard, wiegeb: *"Il-ferita kienet tinvolvi l-hxuna kollha tal-gilda ghalhekk kellna naghmlulu l-punti. Rigward il-permanenza u l-estetika ma tantx nista' naghti dettalji ghax jiena bhala tabib rajtu dakinhar u m'ghandiex follow up tal-kaz"* (*a fol.* 34).

Illi, fis-seduta tal-15 ta' April 2013, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Luke Bonello** (*a fol.* 39 *et seq.*) fejn spjega l-involviment tieghu rigward l-investigazzjonijiet redatti minnu in segwitu tar-rapport li kien ghamel Kurt Attard rigward dak li allegatament gara fil-25 ta' Marzu 2012 ghal habta

[1] Dan huwa l-istess rapport bhal Dok. "LB 6" (*a fol.* 15 *et seq.*).

tas-siegha ta' filghodu gewwa stabbililment ta' divertiment f'Paceville. Ikkonferma li l-imputat irrilaxxa stqarrija li giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "LB 3" (*a fol.* 9 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Lulju 2013, xehed **Ryan Cauchi** (*a fol.* 50 *et seq.*) fejn qal li lill-imputat jafu fuq ix-xoghol u li dakinhar tal-akkadut kien mal-imputat go stabbiliment f'Paceville u ra xi nies jafhom u f'hin minnhom mar Kurt Attard fuqu u qallu biex jghid lill-imputat biex jitilqu l-barra. Jghid li Kurt Attard u l-imputat kellhom xi jghidu xi zmien qabel. Jispjega li hekk kif mar hdejn l-imputat u qallu x'kien qallu Attard, mar Attard u *"qabad jghajjat biex nitilqu l-barra u jimbuttah, tah daqqa ta' ponn lil Carl, qabdu jiggieldu, gew il-bouncers firduna u tlaqna l-barra"* (*a fol.* 51). Jghid li meta Attard mar hdejhom u qabad jghajjat biex jitilqu l-barra, ta daqqa ta' ponn lill-imputat u qabdu jiggieldu.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li meta Attard mar fuqhom u qalilhom biex jitilqu l-barra, huwa qal dan b'mod aggressiv. Jixhed li li meta mar fuqhom Attard kienu ghadhom kemm dahlu fl-istabbiliment u li kienu ghadhom ma ordnaw xejn. Jghid li kien hemm xi tlitt jew erba' *bouncers* u li meta hargu l-barra mill-istabbiliment, telqu l-hemm.

**Ikkunsidrat**

Illi, fl-istqarrija (Dok. "LB 3" – *a fol.* 9 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Pulizija, liema stqarrija giet rilaxxata wara li l-imputat nghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat u huwa ma hax dan id-dritt (Dok. "LB 4" – *a fol.* 12), l-imputat spjega li dakinhar tal-25 ta' Marzu 2012 kien ma' siehbu Ryan f'Paceville. Jghid li Ryan kien qallu li Kurt Attard kien qallu biex jitilqu l-barra. Jghid ukoll: *"Kien gie fuqi Kurt u qalli biex nitlaq l-barra u jien staqsejtu ghalfejn u beda jsemmi habib tieghi iehor Edmond li kellu l-Qorti mieghu u kien rebah il-kawza Edmond u beda jghidli li jien bhalu. Jien kont ghidtlu biex ihallini u imbuttani u ergajt ghidtlu biex ihallini, hu beda jidghi u taghni daqqa ta' ponn jien iggilidt lura u gew il-bouncers u jien u Ryan tlaqna l-hemm"* (*a fol.* 10). Jghid li qabel nqala' l-argument kien ghadu kemm jasal fil-bar u li kien ghadu ma xtara xejn. Jispjega: *"Hu imbuttani, jien ghidtlu biex jerhini u li mhux qed naghtih fastidju rega' imbuttani u xejjirli daqqa ta' ponn go wicci. Jiena kont tajtu daqqa ta' ponn ohra nahseb kont hadtu f'ghonqu"* (*a fol.* 10). Jichad li ta daqqa ta' tazza tal-hgieg lil Kurt Attard. Mistoqsi kif Kurt Attard spicca b'farret fuq rasu, jghid li ma jafx.

**Ikkunsidrat**

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni</u>**

**<u>(Artikoli 214, 215, u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:

Illi taht l-ewwel imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li kkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna tal-parti leza Kurt Attard li xi zmien qabel kien habib tieghu pero nqalghu xi differenzi bejniethom.

Illi qabel il-Qorti tidhol fil-mertu dwar jekk il-griehi sofferti mill-parti leza kienux gravi jew le, il-Qorti ser tikkunsidra jekk jirrizultax sodisfacentement pruvat li kien l-imputat li kkawza xi griehi fuq il-parti leza. F'kaz li dan jirrizulta, il-Qorti tkompli bl-ezercizzju taghha dwar in-natura tal-griehi sofferti mill-parti leza.

Illi l-Qorti tinnota s-segwenti:

- Il-parti leza Kurt Attard (*a fol.* 24 *et seq.*) jallega li l-imputat tah daqqa ta' tazza. Huwa jiddeskrivi l-aggressjoni tal-imputat billi jghid li l-habib tal-imputat: *"beda jkellem lill-habiba tieghi u jiena ghidtilha, ghidtilha, "jiena lil Karl ma nkellmux". Daqshekk. U gie u tani daqqa ta' tazza"* (*a fol.* 25).

- Ryan Cauchi (*a fol.* 50 *et seq.*) jixhed li hekk kif mar hdejn l-imputat u qallu x'kien qallu l-parti leza, mar il-parti leza u *"qabad jghajjat biex nitilqu l-barra u jimbuttah, tah daqqa ta' ponn lil Carl, qabdu jiggieldu, gew il-bouncers firduna u tlaqna l-barra"* (*a fol.* 51). Da parte tieghu, Cauchi jghid ukoll li l-parti leza ta daqqa ta' ponn lill-imputat, kien aggressiv u li meta l-imputat u l-parti leza gew fl-idejn kien hemm diversi *bouncers.*

- Fl-istqarrija (Dok. "LB 3" – *a fol.* 9 *et seq.*) rilaxxat minnu, l-imputat jghid: *"Jien kont ghidtlu biex ihallini u imbuttani u ergajt ghidtlu biex ihallini, hu beda jidghi u taghni daqqa ta' ponn jien iggilidt lura u gew il-bouncers u jien u Ryan tlaqna l-hemm"* (*a fol.* 10). L-imputat jichad li ta daqqa ta' tazza tal-hgieg lil parti leza.

- Il-Qorti tistaqsi kif, bhala xhieda li kienu prezenti dakinhar tal-akkadut, il-Prosekuzzjoni, apparti lill-parti leza, ressqet biss lil Ryan Cauchi. Jirrizulta li kien hemm diversi xhieda ohra, inkluz il-*bouncers*, li setghu jaghtu deskrizzjoni ahjar ta' kif sehhew l-affarijiet dakinhar tal-akkadut.

- Jinghad bla tlaqlieq ta' xejn li d-depozizzjoni ta' Ryan Cauchi, li gie mressaq bhala xhud mill-Prosekuzzjoni stess, ma taghtix komfort lill-verzjoni moghtija mill-parti leza.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma

jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza **Pulizija vs. Joseph Thorn** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet *'... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx'* (ara wkoll **Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino** 19 t' Ottubru 2006)."

(Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali** (deciza fl-24 ta' Jannar 2013), **Il-Pulizija vs. Mario Pace** (deciza fis-6 ta' Frar 2013) u **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt** (deciza fil-11 ta' Lulju 2013).

Illi din il-Qorti hija f'pozizzjoni ferm aktar favorevoli minn Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex ghexet il-process kollu tul medda ta' zmien u ghalhekk kienet f'pozizzjoni, wara li semghet ix-xhieda kollha jixhdu *viva-voce* quddiemha, tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom *stante* li kienet hi stess li kkonstatathom x'interess setgha kellu xi xhud f'dak li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

Illi din il-Qorti tinnota li ma jirrizultax sodisfacentement pruvat jekk il-griehi sofferti mill-parti leza gewx kagunati b'xi daqqa moghtija mill-imputat jew inkella gietx kagunata f'xi mument iehor, fosthom fil-mument li marru il-*bouncers* fuq il-parti leza u fuq l-imputat. Minkejja li kien hemm diversi xhieda li setghu jigu mharrka mill-Prosekuzzjoni bhala xhieda f'dawn il-proceduri, hadd minnhom ma tressaq, ghajr ghal Ryan Cauchi.

Illi minkejja li l-Qorti tista' tispekula dwar il-mod li bih gew sofferti l-feriti sofferti mill-parti leza, madanakollu dawn huma biss kongetturi u xejn ibbazat fuq provi konkreti fl-atti.

Illi wara li l-Qorti ghamlet l-ezercizzju li ssemmi l-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** imsemmija hawn fuq u wara li hadet in konsiderazzjoni dak li ghadu kemm nghad hawn fuq m'hijiex f'pozizzjoni tasal ghal liema verzjoni hija wahda kredibbli u veritjiera u ghalhekk il-Qorti tinnota li hemm konflitt fil-provi li johloq dubbju dettat mir-raguni f'mohh il-Gudikant jekk il-fatti sehhewx verament kif jallega l-parti leza. In vista ta' dan, il-Qorti tara li ma jkunx *safe and satisfactory* li ssib htija tal-imputat ghall-ewwel (1) mputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu. Il-Qorti ssegwi l-insejament tal-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza moghtija minnha fil-5 ta' Gunju 2008 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Farrugia**.

Illi, tenut kont ta' dak li nghad fuq, u b'mod partikolari mill-provi prodotti u mismugha, m'huwiex possibbli ghall-Qorti tasal ghall-konkluzjoni jekk kienx l-imputat li effettivament kkaguna l-ferita sofferta minn Kurt Attard. In segwitu ta' dan, il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tidhol fil-kwistjoni jekk il-ferita ta' Kurt Attard kienitx wahda gravi jew hafifa.

Ghaldaqstant, l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat ma gietx sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minnha.

**It-Tieni (2) Imputazzjoni**

**(Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)**:

Illi minn qari tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat jirrizulta li din temergi minn Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Minn harsa lejn l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali (*a fol.* 62), jirrizulta li l-Avukat Generali jidhirlu li ghandha tinstab htija tal-imputat taht l-Artikolu 339(d). Jirrizulta li Artikolu 339(d) ma jezistiex fil-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta pero jezisti biss Artikolu 339(1)(d).

Illi minn qari tal-imputazzjoni fic-citazzjoni pprezentata fir-Registru tal-Qorti kontra l-imputat jirrizulta li t-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat tirreferi ghall-ksur ta' Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-imputat kien jaf b'liema fatti kien qed jigi akkuzat. Kien ikun ferm ahjar kieku l-Avukat Generali ndika l-artikolu ezatt tal-ligi (inkluz is-sub-artikolu – u mhux ihallih barra) u dana sabiex jigu evitati kumplikazzjonijiet bla bzonn pero, tenut kont ta' dak li nghad, il-Qorti ser tghaddi biex tikkunsidra n-nuqqas tal-Avukat Generali milli jindika s-sub-artikolu bhala *lapsus calami*.

Illi, minkejja dan, minn imkien ma jirrizulta li f'xi hin l-imputat hebb kontra l-kwerelant biex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara ghaldaqstant l-imputat ser jigi liberat ukoll mit-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ebda wahda mill-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat ma giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minnhom.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputat Carl Cuschieri hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u b'hekk tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------